# Jitqaddes Ismek

Jannar 2011 ; Ħarġa nru 1

## EDITORJAL

### XHIEDA TA' KRISTU BL-GĦEMIL U TASSEW

***"U b'dan nafu li nagħrfu lil Ġesù: jekk inżommu l-kmandamenti tiegħu" (1, Ġw. 2:3)***
F'irkant ta' l-arti, Pittura ta' Van Gogh tax-xbieha ta' Dr. Gachet inbiegħet 82.5 miljun dollaru. Dik ta' Renoir *Au Moulin de la Galette* inbiegħet 78.1 dollaru. Dawn huma żewġ pitturi mill-isbaħ u ftit huma dawk li jistgħu jonfqu biex idendlu waħda minhom fis-salott tagħhom.

Wieħed jista' jixtri kopji ta' dawn iż-żewġ pitturi ta' Van Gogh u Renoir għad-dar tiegħu. Madankollu ħadd ma jinvesti fihom għax huma biss kopji. Huma ta' valur żgħir ħafna.

Hawn nara xebh mas-Saltna spiritwali. Fid-dinja hawn ħafna jgħidu li huma Nsara, għax jaqraw il-Bibbja u jmorru l-knisja u jqerru u jitqarbnu darba fis-sena. Iżda dan m'hux biżżejjed. Dawn it-talin qed jagħmlu tabirruħhom li jgħixu s-sejħa tagħhom ta. Nsara.

Fit-tieni kapitlu ta' l-ewwel ittra tiegħu l-Appostlu San Ġwann jagħti tliet sinjali biex wieħed ikun żgur li jemmen f'Ġesù: ubbidjenza lejn Kristu (v.3); imħabba sinċiera u ġenwina lejn ħutu (v.10); l-imħabba ta' Alla u mhux tad-dinja (v. 15-17). Jekk dawn it-tliet sinjali m'humiex sodi, magħmula tajjeb f'ħajjitna, jeħtieġ neżaminaw il-fidi tagħna biex naraw hix ġenwina. Ejjew inkunu veri segwaċi ta' Ġesù u nfittxu li nkunu xhieda tiegħu mhux bil-kliem biss, iżda bl-għemil u tassew. J'alla ħaddieħor jara lil Kristu fina. J'alla naslu biex ngħidu bħal San Pawl: ***Mhux jien qed ngħix, iżda Kristu jgħix fija.***

**P. Samwel Abela O.Carm**
**Editur**

**Komunita tal-Isem Imqaddes t'Alla**
**Indirizz tal-uffiċċju:**
**10, Triq Mattew Callus, Mosta.**
Tel.: 99453484.

*President:* **Giovanni Chetcuti**
*Editur:* **P. Samwel Abela O. Carm.**

## Werrej:

| | |
|---|---|
| Editorjal | : Paġna 1 |
| Is-Sena t-tajba kompli ikber | : Paġna 2 |
| Aħbarijiet u Birthdays | : Paġna 2 |
| Attivitajiet | : Paġna 3 |
| Programm | : Paġna 4 |

# IS-SENA T-TAJBA KOMPLI IKBER

Imbierek int jekk tagħraf tikber fis-snin u żżomm qalbek u moħħok żgħażagħ. Hi x'inhi l-età li għandek, dejjem tista' tagħżel li tkun tifel, żagħżugħ jew xiħ, jiddependi mhux mis-snin li għandek, imma mill-ispirtu li tgħix bih.

***Din hi riċetta biex tikber bla ma tixjieħ:***

- Tħabbilx moħħok iżżejjed dwar ċifri u figuri. Li jgħodd mhux KEMM għandek snin, piz, tul jew xagħar. Dawn ħalli lil ta' madwarek jinkwitaw fuqhom. Int ħu gost b'dak li int.
- Zomm biss ħbieb ferrieħa madwarek. Il-qerrieda u l-qanzħiet aħrabhom għax jeqirduk.
- Ibqa' tgħallem xi ħaġa ġdida. Tħallix lil moħħok jinxef. Moħħ għazzien malajr jimrad!
- Ħu gost bi ħwejjeġ żgħar u sempliċi. Tiftakar meta kont tieħu gost tħabbat b'kuċċarina fuq għatu ta' borma?
- Idħaq spiss u bil-qalb.
- Id-dmugħ ma jistax jonqos mill-ħajja. Imma tgħallem issaporti, aċċetta t-telfiet li ġġib magħha l-ħajja u ibqa' miexi. Tinsiex li l-unika persuna li se tibqa' miegħek dejjem hija int. L-oħrajn xi darba jew oħra jridu jkomplu triqthom mingħajrek. Int xogħlok hu li tibqa' tgħix, sakemm qed tgħix!
- Ibża' għal saħħtek. Ġismek m'għandux tort. Ħobbu u ħu ħsiebu. Jekk jaqdik għidlu grazzi. Jekk iweġġgħek, dewwiħ. Jekk ma jiflaħx aktar ... ħobbu aktar.
- Keċċi minn qalbek u minn ruħek kull sens ta' ħtija. F'ħajtek żbaljat żgur ... imma ħabbejt żgur ukoll. Aħfer lilek innifsek għax Alla diġà ħafirlek.
- Titlifx ċans wieħed li tgħid lil xi ħadd li tħobbu.

***Tħallix il-ħajja taqtagħlek nifsek. Ħalli kull nifs iġiblek ħajja ġdida!***

***RM2000 Lil Ħbiebna – Jannar 2006, p.3.***

**Nota: Dan il-fuljett qed ikun fil-website tal-Parroċċa tal-Mosta: www.mostachurch.com**

## Aħbarijiet mill-President Giovanni Chetcuti

Matul ix-xahar ta' Dicembru kellna l-Quddiesa u l-Adorazzjoni tal-ewwel Hamis tax-xahar fil-Knisja Arcipretali, kellna Celebrazzjoni u l-Quddiesa tal-Milied li saret fl-Oratorju Qalb ta' Gesu u hadna sehem fil-Kwaranturi li jsiru fl-ahhar erbgha t'ijiem, fil-knisja Arcipretali. Grazzi lil membri kollha li jiehdu sehem bi shieh f'dawn l-attivitajiet.
Minbarra l-attivitajiet religjuzi kellna attivitajiet socjali. Kellna Gurnata Flimkien li saret fil-Palm Valley Rest., M'Scala, kellna Quddiesa li saret fil-knisja ta' Hal Kirkop, Wine & Pizza li saret fl-oratorju Qalb ta' Gesu u Christmas Dinner Dance li sar fil-Maritim Antonine Hotel, Mellieha.

Minn qalbi irrid nawgura is-sena t-tajba lilek u l-familja kollha.

## Awguri f'Għeluq sninhom Jannar

Pacifika Calleja, Vivie Cauchi, Antoinette Farrugia, Maria Dolores Micallef, Michelina Vella, Vicky Muscat, Margaret Grima, Maria Micallef, Maria Saliba, Rosina Fenech, Doris Scerri, Guza Fenech, Mary Fenech, Stella Spiteri, Angela Lautier, Mary Grace Azzopardi, Mary Frances Attard, Doris Cutajar, Nena Grixti, Maria Fenech, Maria Zammit, Esther Vella, Emanuela Magri, Guza Bugeja, Catherine Frendo, Carmena Deguara, Jinnie Parnis, Maria Zammit Gallo, Marija Angela Mifsud, Connie Sciberras, Sylvana Chetcuti, Tonina Agius, Maryanne Dutton, Carmen Taylor, Mary Vella, Guza Muscat, Phyllis Zerafa.

# FESTA TAL-ISEM TA' ĠESU

*Il-Kumitat tax-Xirka Nazzjonali se jorganizza Celebrazzjoni flimkien ghal festa ta' l-Isem ta' Gesu*

Data: It-Tnejn 3 ta' Jannar 2011,
Post: Knisja Parrokjali, G'Mangia
Hin: Fis-6:30p.m. tluq tat-trasport mill-lokalitajiet kollha fil-5:30p.m.
Prezz: €3

Ikollna Quddiesa u wara Drink flimkien. Imheggin biex bhala membri tal-Komunita niehdu sehem f'din l-attivita Nazzjonali.

---

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 6 ta' Jannar 2011
Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta
Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

# AFTERNOON TEA & TOMBLA

Data: Il-Hadd 23 ta' Jannar 2011
Post: Angelo's Rest., Bugibba
Hin: 2:00p.m.
Prezz: €5

**Hafna rigali x'jintrebhu**

**~ Tombla ~ Raffles ~**
**~ Offerti Specjali ~**
**~ Platt varjat ta' Ikel ~**
**~ Rigali x'jintrebhu ~**
**~ Trasport minn diversi lokalitajiet**

**01:00p.m.** Tluq minn Hal Kirkop u Msida
**01:15p.m.** Tluq minn B'Kara u Gharghur u Naxxar
**01:30p.m.** Tluq mill-R&G Iron, mill-Oratorju, minn hdejn Margaret u minn San Giljan.
**01:20p.m.** Trasport mill-Mellieha
**01:45p.m.** Tluq mill-Pjazza tal-Mosta u San Pawl l-Bahar
**06:30p.m.** Tmiem ta' l-attivita u trasport lura

---

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 3 ta' Frar 2011
Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta
Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

# BREAKFAST & SNACK

L-Hamis 10 ta' Frar 2011.
Soreda Hotel, Qawra.
9:00a.m.- ara t-trasport
€14 li jinkludi t-Trasport, Full breakfast buffett, Ftira biz-Zejt, Dezerta, Drink u rigali x'jintrebhu.

**Ikollna:**
# Quddiesa ; # Breakfast Buffet ; # Tombla ; # Ftira biz-Zejt, Dezerta u Drink ; # Tombla u Raffles ; # Ruzarju Flimkien ;

**TRASPORT:**
08:30a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Gharghur, mill-Pjazza tan-Naxxar u Hal Kirkop
08:45a.m. Tluq mill-R&G Iron., mill-Oratorju, minn hdejn Margaret, min San Giljan, B'Kara. u mill-Mellieha.
09:00a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Mosta u min San Pawl
03:30p.m. Tmiem

---

# LAQGĦA TA' TALB U QUDDIESA

Il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011
Fl-Oratorju Qalb ta' Gesu, Mosta
Fis-6:30p.m.

* Hin ta' Adorazzjoni u talb
* Quddiesa bi hsieb spiritwali
* Niehdu kafe flimkien u nispiccaw fit-7:45p.m.

**Trasport:**
5:00p.m. Minn Hal Kirkop, Mellieha
5:30p.m. Minn Fleur-de-lys, San Pawl, San Giljan, Gharghur, B'Kara
5:45p.m. Minn Naxxar

---

# WEEKEND BREAK F'GĦAWDEX

Mill-Gimgha 25 sal-Hadd 27 ta' Frar 2011
Fid-Down Town Hotel, Rabat, Ghawdex.

***Il-Prezz jinkludi:-***
- Trasport mid-dar ghac-Cirkewwa u lura
- Akkomodazzjoni gewwa d-Down Town Hotel
- Ikla buffet il-Gimgha filghaxija, is-Sibt filghaxija u l-Hadd f'nofsinhar u drink ma' kull ikla.
- Breakfast buffet is-Sibt u l-Hadd
- Harga bil-coach il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd
- Zjara f'diversi postijiet
- Afternoon tea & Tombla l-Gimgha wara nofsinhar

**Aktar dettalji u l-prezz jinsabu fil-programm li ghandek mal-fuljett**

---

GHALL-BILJETTI JEW DETTALJI CEMPEL:
**Mosta:** Margaret 21410683 ; Carmena 21432074; Kanen **Naxxar** 21411864; Louise **Fleur de lys** 21491676; Guza **B'Kara** 21488822 Carmen **B'Kara** 21448710; Maria **San Pawl** 21571048; Doris **Gharghur** 27431029;Mary **San Giljan** 21359747; Carmen **Marsa** 21232071; Esther **Mellieha** 21520014; Censina **Hal Kirkop** 79433478.

## Programm ta' Jannar

### ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI

**It-Tnejn 3 ta' Jannar 2011**
6:30p.m. Quddiesa tal-Festa tal-Isem ta' Ġesu, fi G'Mangia. Trasport minn kull lokalita fil-5:30p.m.

**Il-Ħamis 6 ta' Jannar 2011**
6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tingħad it-talba ta' tpattija għad-Dagħa.

**L-Ħadd 9 ta' Jannar 2011**
9:00a.m. Quddiesa tal-festa tal-Isem Imqaddes t'Alla li se tixxandar fuq TVM. Wara nieħdu kafe u xi ħaġa tajba flimkien.
Fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu.

### ATTIVITAJIET SOĊJALI

**L-Ħadd 23 ta' Jannar 2011**
Afternoon Tea & Tombla
Angelo's Rest., Bugibba
Dettalji f'paġna 3.

**Il-Ħamis 10 ta' Frar 2011**
Breakfast u Snack,
fis-Soreda Hotel, Bugibba.
Dettalji f'paġna 3.

# WEEKEND BREAK F'GĦAWDEX

Mill-Gimgha 25 sal-Hadd 27 ta' Frar 2011
Fid-Down Town Hotel, Rabat, Ghawdex.
Prezz: €120 kbar u €70 tfal sa 12–il sena

Dan il-Prezz jinkludi:-

- Trasport mid-dar ghac-Cirkewwa u lura
- Akkomodazzjoni gewwa d-Down Town Hotel, Ghawdex
- Ikla buffet il-Gimgha filghaxija u l-Hadd f'nofsinhar u drink ma' kull ikla fil-Lukanda Down Town.
- Pasta Buffett is-Sibt f'nofsinhar fil-Lukanda Down Town
- Breakfast buffet is-Sibt u l-Hadd
- Harga bil-coach il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd
- Harga, Tombla u Ikla s-Sibt filghaxija bl-entertainment ghalina.
- Zjara fil-Mithna ta' Kola ix-Xaghra
- Afternoon tea & Tombla l-Gimgha wara nofsinhar
- Ikollna laqgha flimkien qabel il-weekend biex jinghataw id-dettalji kollha

**Matul dawn il-jiem se nzuru:-**

- Ta' Dbiegi Crafts Village se jkollna cans induru l-hwienet, b'mod specjali fil-Gozo Glass u l-Gozo Pottery Barm. Hawn se jkollna cans naraw kif isir ix-xoghol tal-hgieg u tal-fuhhar.
- Il-Mithna ta' Kola li tinsab fil-lokalita tax-Xaghra. Mithna interessanti hafna, dwar zmien ilu.
- Ix-Xlendi, Marsalforn, Ta' Pinu, ir-Rabat, u hafna postijiet ohra. Programm dettaljat johrog il-quddiem

**Mhux inkluz:-**
Il-Vapur bejn Malta u Ghawdex

Kull min jixtieq jattendi ghandu jibbukkja ghand il-helpers mill-aktar fis possibli.